MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Numru 404/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
**CARMEL GIALANZE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Gialanze, iben Raphael u Carmen nee' Zerafa, imwieled Birgu nhar is-16 ta' Jannar 1963, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 90463(M) u residenti St. Agatha House Cottonera Road, Vittoriosa;

Illi huwa akkuzat talli nhar il-15 ta' April 2009, ghall-habta ta' 19:45hrs gewwa Triq San Gakbu Xghajra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara f'vettura bin-numru DBH 784 ta' ghamla Seat, liema hsarat huma ta' 950 Euros (Lm 407.83) ghad-dannu ta'

Jacqueline Gialanze detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 39169(M) u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta’ l-imputat (a fol.11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-verbal datat 20 ta’ Jannar 2010 (a fol.9);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Carmel Gialanze** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 325(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt li l-imputat hallas ghal hsarat li kkaguna fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------